MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1217/1991/1

**Rita Vella**

**v.**

**Raymond, Elizabeth Mart Raymond Cutajar u Margaret ahwa Lanzon ilkoll bhala werrieta tal-mejjet Joseph Lanzon u l-istess Raymond Cutajar bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' ma' martu Elizabeth**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
"Billi hija kienet kreditrici ta’ certu Francesco Chirri llum assenti minn Malta fis-somma ta’ tlett elef u erba’ mitt lira

Maltija oltre mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u sebghin centezmu u sitt millezmi spejjez u imghax legali mid-data tac-citazzjoni sal-lum, f’liema kreditu hija kienet giet kanonizzata b’sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Rita Vella -vs- Francesco Chirri”, Citazz. Numru 894/79 CS tas-26 ta’ Jannar 1983;

"U billi hija kienet ottjeniet l-ispedizzjoni ta’ mandat ta’ sekwestru f’idejn Joseph Lanzon tal-karozza numru Z - 0359 gja numru 5509 ta’ proprjeta tal-fuq imsemmi Francesco Chirri u dan b’mandat ta’ Sekwestru esekuttiv kontra l-istess konvenut Francesco Chirri li jgib in-numru 276/83 tat-23 ta’ Frar 1983;

"U billi l-istess Joseph Lanzon wara d-debiti notifiki baqa’ ma ddepozitax l-oggetti li kellu f’ idejh proprjeta` ta’ l-istess Francesco Chirri mil-liema l-attrici setghet tissodisfa l-kreditu taghha;

"U billi minhabba dan in-nuqqas tieghu kienu nbdew proceduri fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghad-disprezz ta’ l-Awtorita` gudizzjarja mill-istess Joseph Lanzon, liema proceduri kienu ntemmu minhabba l-mewt ta’ l-istess Joseph Lanzon fil-21 ta’ Dicembru 1989;

"U billi sussegwentement f’ Lulju 1990 l-attrici kienet interpellat lill-konvenuti sabiex jiddepozitaw 'il fuq imsemmija karozza fir-Registru u zammithom responsabbli ghad-danni kollha li kienet qed ssofri minhabba n-nuqqasijiet taghhom sa dik il-gurnata;

"U billi wara l-mewt ta’ l-istess Joseph Lanzon dan halla bhala werrieta lil uliedu, ‘il fuq imsemmija konvenuti Raymond Lanzon, Elizabeth Cutajar u Margaret xebba Lanzon;

"U billi dan in-nuqqas tal-mejjet Joseph Lanzon u tal-werrieta tieghu li jiddepozitaw l-karozza fuq imsemmija sekwestrata f’idejhom proprjeta` ta’ l-istess Francesco Chirri fir-Registru tal-Qorti sabiex l-attrici kienet tista’ tesegwixxi s-sentenza minnha ottenuta ghall-hlas tad-drittijiet taghha, dina soffriet danni konsistenti f’ telf ta’ flus

u imghax u ta’ apprezzament fil-valur ta’ l-istess karozza sal-gurnata li din tingieb fis-subbasta;

"Jghidu l-konvenuti ghaldaqstant ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

"1. Tiddikjarahom responsabbli tad-danni kollha sofferti mill-istess attrici minhabba n-nuqqas taghhom u tal-mejjet Joseph Lanzon li ddepozitaw fir-Registru tal-Qorti, il-karozza fuq imsemmija proprjeta` ta’ l-istess Francesco Chirri fuq liema l-istess attrici setghet tesegwixxi s-sentenza minnha ottenuta kontra l-imsemmi Francesco Chirri;

"2. Tillikwida d-danni hekk lilha kawzati okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati;

"4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-prezenti kawza;

"Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 9) li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi s-sentenza li kkanonizzat lil Rita Vella bhala kreditrici ta’ Francesco Chirri hi datata 26 ta’ Jannar 1983 u ghalhekk m’ghandhiex titolu ezekuttiv;

"2. Illi l-attrici ma pprezentat l-ebda citazzjoni biex tezegwixxi l-imsemmija sentenza kif rikjest mill-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta oltre l-Artikolu 259 (1) ta’ l-istess Kapitolu;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-mandat ta’ sekwestru li bih giet maqbuda l-karozza numru Z - 0359 gie espedut f’idejn Joseph Lanzon u ma sar l-ebda rikors mill-attrici ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti m’humiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici peress illi dawn huma rizultat tan-nuqqasjiet da parti ta’ l-attrici stess;

"5. Illi l-konvenuti accettaw l-erdita` tal-mejjet Joseph Lanzon bil-beneficcju ta’ l-inventarju;

"6. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u b’hekk takkolji l-ewwel domanda attrici billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni subiti mill-attrici minhabba n-nuqqas taghhom u ta’ l-awtur taghhom Joseph Lanzon li jiddepozitaw il-vettura sekwestrata bil-mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv tat-23 ta’ Frar 1983 Numru 276/83;

"Tilqa’ konsegwentement it-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta’ tlett elef sitta mija u hamsa u sebghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm3675.70) korrispondenti ghas-sorte u spejjez gudizzjarji kanonizzati bis-sentenza tas-26 ta’ Jannar 1983 (Citazz. Nru. 894/79);

"Tilqa’ wkoll it-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

"L-ispejjez tal-prezenti istanza jitbatew mill-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ghal dik li hi esposizzjoni tal-fatti jirrizulta mill-attijiet ta’ din il-kawza s-segwenti:

"I. L-attrici giet kanonizzata minn dina l-Qorti b’sentenza tas-26 ta’ Jannar 1983 kreditrici ta’ certu Francesco Chirri fis-somma ta’ tlett elef u erba’ mitt lira (Lm3400), oltre l-ispejjez tal-kawza;

"II. Wara din is-sentenza l-attrici otteniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' Sekwestru (Numru 276/83) kontra l-imsemmi debitur u f'idejn is-sekwestratarju Joseph Lanzon, debitament notifikat fit-28 ta' Frar 1983 (Ara kopja tal-mandat a fol. 184);

"III. B'ittra ufficcjali datata 5 ta' Mejju 1983 (ara dokument a fol. 179) l-attrici interpellat lill-precitat sekwestratarju biex jiddepozita l-vettura sekwestrata Numru ta' Registrazzjoni Z - 0359 gja Numru 5509. Mir-riferta jirrizulta li dan l-att gie notifikat lil Joseph Lanzon fis-7 ta' Mejju 1983 (fol. 180);

"IV. Dan l-att gie konsegwit b'rikors prezentat fit-13 ta' Gunju 1983 ghall-hrug tal-mandat ghas-sejha ghad-depozitu (ara dokument a fol. 177) li pero` dwaru ma giet esebita ebda riferta;

"V. Fis-26 ta' Lulju 1990, imbaghad, il-konvenuti, *qua* ulied u eredi ta' l-imsemmi Joseph Lanzon, gew interpellati jghaddu ghall-konsenja tal-vettura b' rizerva ghad-danni fil-konfront taghhom jekk jonqsu li jaghmlu dan. Ara kopja ta' l-ittra ufficcjali a fol. 182. Anke hawn ma jirrizultax li giet esebita riferta ndikanti n-notifika ta' dan l-att;

"VI. Nonostante l-hrug ta' l-atti aktar 'il fuq imsemmija l-imsemmi Joseph Lanzon baqa' ma ghaddiex ghad-depozitu tal-vettura u kellhom jittiehdu fil-konfront tieghu proceduri ghad-disprezz (ara kopji ta' l-inkartament ta' din il-procedura minn fol. 70 sa fol. 136);

"Mir-ri-epilogu ta' dawn il-fatti huwa evidenti illi l-materja in ezami ma tirrigwardax il-validita` o meno ta' l-esegwibilita` tas-sentenza ottenuta mill-attrici di fronte ghad-debitur taghha Francesco Chirri imma jekk il-konvenuti, *qua* werrieta ta' missierhom Joseph Lanzon, sekwestratarju indikat fil-mandat ezekuttiv ta' Sekwestru, arrekax dannu lill-attrici bil-fatt tan-non-ottemperanza da parte tieghu tad-depozitu tal-karozza sekwestrata li kienet fil-pussess tieghu;

"Din il-Qorti ghamlet analisi oggettiva tal-provi prodotti u mill-assjem taghhom, bhall-perit legali qabilha, hi wkoll tasal ghal konvinciment illi Joseph Lanzon, *qua* sekwestratarju, naqas li jadempixxi ruhu ma’ l-obbligu li jikkonsenja, bid-depozitu necessarju, il-vettura precitata u li fuqha l-attrici setghet tissodisfa l-kreditu kanonizzat taghha;

"Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-attrici, *qua* kreditrici, irnexxielha tipprova din l-inadempjenza. Min-naha taghhom pero` l-konvenuti naqsu li jiskarikaw il-piz li jipprovaw li dik l-istess inadempjenza kienet dovuta ghal xi haga estranea li taghha l-awtur taghhom ma kienx responsabbli. Dan hu dak li wara kollox jinsab dettat fl-Artikoli 1132 u 1133 tal-Kodici Civili. Li jfisser allura illi jekk il-konvenuti ma jaslux ghal din il-prova, kif hekk inhu l-kaz, huma jkunu fi htija u jidhlu responsabbli ghad-danni (Artikolu 1031, Kodici Civili);

"Kif gja` manifest, fil-kaz in ispecje l-attrici pprovat il-fatt ta’ l-inadempjenza ta’ Joseph Lanzon u anke dik tal-konvenuti peress li dawn baqghu ma ghamlux id-depozitu. Ghal kuntrarju, il-konvenuti ma pprovawx l-ezistenza ta’ kawza estranea li ma halliethomx jiddepozitaw. Invece, huma appiljaw ruhhom ma’ difizi u eccezzjonijiet li fil-verita`, kif relatat mill-perit legali, ma jiccentraw xejn u ma jistghux jitqiesu ta’ ostakolu legali ghall-attrici biex din tipprosegwixxi ghat-tutela tad-drittijiet taghha konsegwiti bil-hrug tal-mandat ta’ sekwestru;

"Issa, kif saput, in tema legali, l-att tas-sekwestrant iservi biex jassigura li l-oggett f’ idejn terza persuna (sekwestratarju) ma jinghatax lill-persuna ohra (sekwestrat) li kontra taghha s-sekwestrant jivvanta xi jeddijiet (Artikolu 375, Kapitolu 12);

"Dejjem skond il-ligi s-sekwestratarju ghandu zmien erbat ijiem jaghmel dikjarazzjoni ta’ l-oggett li ghandu f’idejh ta’ pertinenza tas-sekwestrat, kwante volta ma jkunx ghamel dik l-istess dikjarazzjoni lill-marixxal ezekutant fil-mument ta’ l-ezekuzzjoni. Jekk ma jaghmilx hekk il-ligi stess tikkreja l-prezunzjoni, ex-Artikolu 378 (2) Kapitolu 12, illi s-

sekwestratarju ghandu fil-pussess tieghu l-oggett sekwestrat bil-mandat. Presunzjoni din li, kif osservat, hija "*iuris tantum*" u tista' tigi kontraddetta bi provi u prezunzjonijiet kuntrarji (ara **Vol. III p 211; Vol. XI p 560** u **Vol. XLII P III p 1198**);

"Hija ligi wkoll illi s-sekwestratarju li jsib ruhu f'din il-qaghda hu moghti l-fakolta li jezimi ruhu minn kull responsabilita` ulterjuri billi jiddepozita l-oggett hekk sekwestrat taht l-awtorita` tal-Qorti. Fakolta din lilu moghtija bl-Artikolu 379 (3) tal-Kapitolu 12. S' intendi huwa ferm logiku illi jekk hu jipprevalixxi ruhu minn din il-fakolta hu jkun qed jadempixxi l-obbligazzjoni tieghu skond il-ligi u b' hekk ma jkunx responsabbli ghad-danni. Diversament jekk jonqos minn dan l-impenn, anke wara sejha li tkun saritlu ghall-istess fini mis-sekwestrant, huwa jidhol responsabbli ghad-danni. Danni dawn li fil-hsieb ta' din il-Qorti ghandhom minimament jirri-entegraw lill-kreditur sekwestrant minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event li gab it-telf. Ghallanqas it-telf ekwiparat sa l-ammont kanonizzat, komprizi l-ispejjez gudizzjarji. Dan hu l-ammont cert u accertat tad-dannu subit, anke in mankanza ta' stima li l-vettura setghet tirrealizza f' bejgh bis-subbasta;

"Din il-Qorti ma thossx illi ghaliex tonqos din l-istima tal-vettura, del resto elevata mill-Pulizija, ghandha ghalhekk tippremja lill-konvenuti billi tichad it-talba ta' l-attrici, kif hekk minnhom pretiz. Ma hemm xejn x'jipprekludi lil din il-Qorti, in mankanza tal-mezz probatorju ta' l-istima jew ta' l-ammont tad-danni, milli tadotta r-regola "*ex aequo et bono*" billi tiffissa hi stess id-danni ghallanqas sal-valur ta' l-ammont provat u stabbilit bis-sentenza tas-26 ta' Jannar 1983. Dan minimament bhala reintegrazzjoni tal-patrimonju ta' l-attrici fil-mizura tad-dannu soffert minnha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ta' l-attrici;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-attrici, kanonizzata kreditrici fis-somma ta' Lm3,400 b'sentenza tas-26 ta' Jannar 1983, talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru (numru 276/83) f'idejn Joseph Lanzon, u talbet li dan izomm fil-kustodja tieghu vettura numru Z-0359 gia` numru 5509, ta' proprjeta` tad-debitur taghha (certu Francesco Chirri). Wara l-hrug u n-notifika ta' dan il-mandat, is-sekwestratarju Joseph Lanzon gie mitlub, b'ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 1983, sabiex "jiddeposita fir-registru ta' dina l-Qorti kull flus jew hwejjeg ohra li ghandek f'idejk appartenenti lil Francesco Chirri, u fosthom specifikatament il-karozza numru 5509". Din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Joseph Lanzon fis-7 ta' Mejju, 1983. Peress li s-Sur Lanzon naqas li jiddeposita l-karozza, b'rikors tat-13 ta' Gunju 1983, l-attrici talbet formalment il-hrug ta' mandat ghas-sejha ghad-depozitu. Dan ir-rikors gie milqugh fl-14 ta' Gunju 1983, u Joseph Falzon gie notifikat bil-mandat relattiv - wara diversi tentattivi - fl-20 ta' Frar, 1984. Dan Joseph Falzon xorta wahda naqas li jiddeposita l-karozza taht l-awtorita` tal-Qorti, u, wara talba ta' l-attrici, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fis-17 ta' Marzu 1986, fethet proceduri ta' disprezz kontra l-istess Joseph Falzon. Peress li Joseph Falzon miet fil-21 ta' Dicembru 1989, fil-mori ta' dawk il-proceduri, dik il-Qorti, b'digriet tas-26 ta' Frar 1990, iddikjarat l-azzjoni kontra tieghu estinta u l-procediment ezawrit.

B'dawn il-proceduri, li nfethu fl-20 ta' Novembru 1991, l-attrici talbet li l-eredi ta' Joseph Falzon jigu kkundannati jhallsu d-danni derivanti mill-fatt li l-awtur taghhom naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Qorti. L-ewwel Qorti accettat it-tezi ta' l-attrici, u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attrici, in linea ta' danni, is-somma ta' Lm3,675.70, korrispondenti ghas-sorte u spejjez gudizzjarji kanonizzati bis-sentenza tas-26 ta' Jannar, 1983.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u kontra taghha ressqu sitt aggravji li huma in succint is-segwenti:

(1) hemm nuqqas ta' prova ta' notifika tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ghas-sejha ghad-depozitu;

(2) nuqqas ta' prova ta ' notifika ta' l-ittra ufficjali dwar talba ghall-konsenja tal-vettura;

(3) illi gie pruvat li l-pulizija elevaw il-vettura mit-triq;

(4) it-talba ta' l-istess l-ewwel Qorti li 'ex officio' issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-attrici taghmel il-prova tad-danni;

(5) illi l-ewwel Qorti ekwiparat id-danni allegatament sofferti mill-attrici unikament ghall-istess ammont dovut lilha mill-awtur ta' l-appellanti u dan minghajr ma gabet l-ebda prova tal-valur o meno tal-vettura suppost 'sotto sequestro';

(6) illi l-attrici setghet facilment televa l-istess vettura u tipprocedi bil-bejgh sforzuz ta' l-istess.

Trattati, fl-ewwel lok, l-ewwel zewg aggravji, din il-Qorti tirrileva li, mill-atti, hemm il-prova li l-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 1983, li kienet tikkontjeni talba ghad-depositu tal-vettura, giet fil-fatt notifikata lil Jospeh Lanzon fis-7 ta' Mejju, 1983. Dwar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ghas-sejha ghad-depozitu, mhux mehtieg li dan ir-rikors jigi notifkat lill-kontro-parti; hu l-mandat innifsu li, darba li l-hrug tieghu jkun awtorizzat, li ghandu jigi notifikat lis-sekwestratarju, u f'dan il-kaz jirrizulta li dan il-mandat (numru 672/83) gie notifikat lil Joseph Lanzon (f'idejn ibnu, il-konvenut Raymond Lanzon), fl-20 ta' Frar, 1984.

Kwindi, l-ewwel zewg aggravji tal-konvenuti appellanti mhux misthoqqa.

Rigward it-tielet aggravju, ma jistax jinghad li saret il-prova li l-karozza giet elevata mill-Pulizija. Kull ma hemm fl-atti hi x-xiehda ta' Raymond Lanzon li qal li l-vettura giet mnehhja mit-triq mill-Pulizija f'Awissu tal-1992. Apparti l-fatt li din mhux l-ahjar prova ta' x'gara mill-karozza, l-allegata elevazzjoni saret ferm wara li Joseph Lanzon

ircieva l-ordni biex jiddepozita l-vettura taht l-awtorita` tal-Qorti. Li kieku Joseph Lanzon obda l-ordni tal-Qorti tempestivament, il-karozza ma kenitx tkun mitluqa fit-triq, izda taht l-awtorita` tal-Qorti, u ma tkunx tista' tigi elevata mill-Pulizija. F'kull kaz Joseph Lanzon, bhala sekwestratarju, ladarba ghazel li ma jiddepozitax il-vettura taht l-awtorita` tal-Qorti, kellu obbligu jikkustodixxi l-vettura, u jiehu hsieb li din tibqa' f'idejh u ma tittehidx minn terzi.

Dan it-tielet aggravju, kwindi, qed jigi michud.

Dwar ir-raba' aggravju, hu veru li l-ewwel Qorti, b'digriet tat-3 ta' Gunju 2006, issospendiet minn rajha l-prolazzjoni tas-sentenza, peress li riedet provi dwar danni reklamati, pero` dan ma jwassalx ghal xi forma ta' nullita` tas-sentenza. Il-process civili, fis-sistema taghha, hija wahda "*adversarial*", bil-provi jitressqu mill-partijiet in kontradizzjoni ta' xulxin, pero`, m'hemm xejn xi jzomm lill-gudikant li jkun qed jippresjedi kawza, milli hu jitlob certu provi, jew li l-provi jkunu indirizzati lejn ghan partikolari, u dan ghall-ahjar soluzzjoni tal-kawza. Kif qal tant tajjeb Lord Denning fil-kawza **Jones v. National Coal Board** [1957] 2 Q. B. 55, 63:
"In the system of trial we have evolved in this country, the judge sits to hear and determine the issues raised by the parties, not to conduct an investigation or examination on behalf of society at large, as happens, we believe, in same foreign countries. Even in England, however, a judge is not a mere umpire to answer the question 'How's that?' His object, above all, is to find out the truth and to do justice according to law."

Fuq kollox, wara dak id-digriet ta' l-ewwel Qorti, saru diversi seduti quddiem il-Qorti, u da parti tal-konvenuti ma giet sollevata ebda lanjanza dwar il-mod kif dik il-Qorti kienet qed tikkonduci s-smiegh tal-provi, u kif intqal diversi drabi, mhux lecitu li l-appellanti jqajjem quddiem din il-Qorti ta' revizjoni materji li hu messu ssolleva waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem dik l-ewwel Qorti (ara **Cachia noe v. Apps noe**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1997).

Dan ir-raba' aggravju, allura, huwa wkoll michud.

Il-hames aggravju tal-konvenuti appellanti, min-naha l-ohra, jidher li ghandu jigi akkolt. L-ewwel Qorti ekwiparat id-dannu ma' l-ammont dovut lill-attrici kif kanonizzat bis-sentenza ta' Jannar 1983, pero`, fil-verita`, dak li tilfet l-attrici bl-agir ta' Joseph Lanzon kien ekwivalenti biss ghall-<u>valur tal-karozza</u>. Kieku Joseph Lanzon iddepozita l-karozza taht l-awtorita` tal-Qorti, din kienet tinbiegh bil-procedura tas-subbasta, u l-attrici kienet tinkassa r-rikavat - dan ma jkunx necessarjament ekwivalenti ghall-kreditu taghha. Hu maghruf li karozza titlef mill-valur taghha hekk kif tohrog fit-triq, (ara **Elmo Insurance Services Ltd. v. Vassallo**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Settembru, 2006) u tibqa' titlef mill-valur taghha aktar ma jghaddi z-zmien. Il-karozza in kwistjoni kienet tat-tip 'Toyota Corolla', li mhix xi karozza lussuza jew li mistenni ggib rikavat tajjeb hafna wara zmien tintuza fit-triq (jirrizulta li kienet fic-cirkolazzjoni zgur mill-1979). Kwindi, ma kienx mistenni li, bil-bejgh ta' dik il-vettura, l-attrici kienet se tissalda l-kreditu taghha li kien ta' madwar ta' Lm3,600.

Peress li l-vettura in kwistjoni ma tidhirx li ghadha disponibbli biex tigi valutata, il-Qorti, sejra tipprocedi biex tiffissa valur *ex aequo et bono* (ara applikazzjoni ta' dan il-principju mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **S.M.W. Cortis Ltd. v. Grima**, deciza fid-9 ta' Novembru, 2006).

Din il-Qorti, sejra, ghalhekk, taghti valur ta' Lm1,000 lill-vettura in kwistjoni, valur li hu ekwivalenti ghad-danni li realment sofriet l-attrici minhabba l-agir ta' Joseph Falzon.

Is-sitt aggravju ta' l-appellanti huwa bla ebda fondament legali. Kreditur munit b'diversi possibilitajiet ta' kif jezegwixxi s-sentenza li tkun ikkanonizzat il-kreditu tieghu, mhux obbligat jaghzel rimedju flok iehor, u ladarba, f'dan il-kaz, l-attrici kreditrici ghazlet li tipprocedi bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru, rimedju li kien miftuh ghaliha, is-sekwestratarju Joseph Falzon kellu joqghod ghall-ordnijiet li taghtih il-Qorti. Ladarba hu ma ddepositax il-karozza taht l-awtorita` tal-Qorti, kif gie ordnat li jaghmel, hu naqas

milli jezimi ruhu minn kull responsabbilita`, u dahal responsabbli ghad-danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqa' l-istess biss in parte, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha fejn, ai fini tat-tieni domanda attrici, illikwidat d-danni f'ammont ta' Lm3,675.70, u minflok, tillikwida d-danni f'ammont ta' Lm1,000 (elf lira Maltija), u tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' prim istanza, fic-cirkostanzi jithallsu 1/4 (kwart) mill-attrici, u 3/4 (tlett kwarti) mill-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------